



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
DIRETTORAT ĠENERALI
Politika Reġjonali

NOTA TA' GWIDA DWAR IL-COCOF

DWAR IT-TRATTAMENT TA' ASSISTENZA RETROSPETTIVA TAL-UE TUL IL-PERJODU TA' BEJN L-2007 U L-2013

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ:

“Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika għall-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, il-professjonisti, il-benefiċjarji jew il-benefiċjarji potenzjali, u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-politika ta' Koeżjoni dwar kif tintarpa u tapplika r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-ispeġġazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi u mħeġġa prassi tajba. Madankollu, din il-gwida hi bla ħsara għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew għall-prassi li qed tevolve tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.”

I. INTRODUZZJONI

1. L-appoġġ retrospettiv jirrappreżenta l-ġhoti ta' assistenza tal-UE min-naħa ta' awtorità maniġerjali, għal operazzjoni li diġà tkun ġarrbet nefqa mir-riżorsi nazzjonali jew li diġà tkun lesta qabel ma jkun hemm applikazzjoni formali għal assistenza tal-UE jew qabel ma din tingħata - minn hawn 'il quddiem "assistenza retrospettiva tal-UE".
2. Il-Kummissjoni mhijiex favur din l-assistenza retrospettiva tal-UE, billi toħloq lok kbir ta' riskji kif jidher iktar 'l isfel. Din in-nota timmira li telenka r-regoli li għalihom għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-awtoritajiet maniġerjali, f'każ li jinkludu operazzjonijiet retrospettivi fil-programmi operattivi.
3. L-assistenza retrospettiva tal-UE għandha tkun distinta b'mod ċar mill-każ fejn ikun hemm overbooking għal programm, jiġifieri l-iżvilupp ta' pjan għal proġett li jkun akbar fil-volum mill-kamp ta' applikazzjoni finanzjarju tal-programm. Fil-każijiet fejn l-Istati Membri jippermettu l-overbooking¹ jintgħażlu, jiġu żviluppati u implimentati proġetti żejda mill-bidu nett, bil-għan li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-programm operattiv. Is-servizzi tal-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet ħeġġew lill-awtoritajiet maniġerjali biex jikkunsidraw l-overbooking biex jimmassimizzaw l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni li, bil-maqlub tal-finanzjament retrospettiv, ma jippreżentax l-istess livell ta' riskji u żvantaġġi.

II. IL-POŻIZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-ASSISTENZA RETROSPETTIVA TAL-UE

4. Għalkemm ma teżistix dispożizzjoni legali espliċita li tipprojbixxi l-assistenza retrospettiva tal-UE, il-Kummissjoni ma tirrakkomandax din il-prattika. L-operazzjonijiet li jintgħażlu b'mod retrospettiv għall-kofinanzjament ħafna drabi jinbdeu jew jitwettqu mingħajr ma jintrabtu b'mod espliċitu mal-għanijiet ta' programm u ma' rekwiżiti legali speċifiċi marbutin mal-assistenza tal-UE. Konsegwentement, dawn jinvolvu riskju kbir ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji mir-riskju kunsiderevoli jekk jippreżentaw nefqa ineliġibbli lill-Kummissjoni u mill-konsegwenzi rilevanti li jista' jkun li jkollhom jaffaċċjaw.
5. F'każ li l-awtoritajiet maniġerjali jagħżlu l-finanzjament retrospettiv, hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u tal-atti adottati skontu (l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006), li l-operazzjonijiet jintgħażlu għall-finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm operattiv u li dawn jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli għat-tul kollu tal-perjodu ta' implimentazzjoni tagħhom (l-Artikolu 60(a) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006). L-awtorità maniġerjali hija mitluba tiddetermina, jekk operazzjonijiet bħal dawn humiex f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet regolatorji qabel tiegħu deċiżjoni biex tappoġġa dawk l-operazzjonijiet skont programm operattiv.

¹ Normalment dan isir fir-rigward tal-ġhoti tas-servizzi pubbliċi jew tal-infrastruttura, fejn it-talba għal tali servizzi/prodotti tkun magħrufa u fejn il-bżonnijiet u l-programmi ta' investiment nazzjonali jistgħu jisbqu l-volum tal-programmi appoġġati mill-UE.

III. IR-RISKJI MARBUTIN MAL-ASSISTENZA RETROSPETTIVA TAL-UE

6. L-awtorità maniġerjali u, fi ħdan ir-responsabbiltajiet tagħhom, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u tal-awditjar huma mitluba jivverifikaw jekk l-operazzjonijiet jirrispettawx **ir-regoli applikabbli kollha**.
7. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet retrospettivi, huma għandhom iqisu b'mod partikolari r-regoli li ġejjin:

(a) Ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa:

- Skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, id-data ta' bidu tal-eliġibbiltà tan-nefqa tul il-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013, tibda mid-data tat-tressiq tal-programmi operattivi lill-Kummissjoni jew mill-1 ta' Jannar 2007, skont liema data tkun l-aktar kmieni. Kull nefqa mħallsa mill-benefiċjarju qabel id-data ta' bidu tal-eliġibbiltà, għalhekk, ma tkunx eliġibbli.
- L-operazzjonijiet li jkunu tlestew² qabel id-data ta' bidu tal-eliġibbiltà mhumiex eliġibbli (l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006).
- Fejn kategorija ġdida ta' nfiq kif imsemmi fit-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tiżdied fil-mument tar-reviżjoni ta' programm operattiv imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kull nefqa li taqa' f'kategorija bħal din hija eliġibbli mid-data tal-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talba għal reviżjoni tal-programm operattiv.

(b) Il-kriterji tal-għażla stabbiliti mill-kumitat ta' monitoraġġ:

- In-nefqa hija eleġibbli biss meta tkun imġarrba għal operazzjonijiet li tittieħed deċiżjoni dwarhom mill-awtorità maniġerjali tal-programm operattiv ikkonċernat jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, skont kriterji f'fissati mill-kumitat ta' monitoraġġ. L-awtorità maniġerjali hija mitluba tiżgura li l-operazzjoni tintgħażel skont il-kriterji tal-għażla applikabbli. Bħala regola ġenerali, il-kriterji tal-għażla applikabbli huma dawk li jkunu fis-seħħ fiż-żmien meta l-operazzjoni tintgħażel għall-assistenza tal-UE.

(c) Ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluż partikolarment kunsiderazzjoni ta':

² Għad-definizzjoni ta' operazzjoni li tkun tlestiet ara l-Artikolu 88(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u n-Nota ta' Gwida dwar il-COCOF dwar l-għeluq parzjali (COCOF 08/0043/03-EN, paġna 3):

"Skont l-Artikolu 88(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ġie emendat "(...) operazzjoni tkun meqjusa lesta fejn l-attivitajiet li jaqgħu taħtha jkunu saru tassew u li l-infiq kollu mill-benefiċjarji u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti jkunu tħallasu".

Għaldaqstant, operazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala lesta jekk it-tliet kriterji kumulattivi li ġejjin ikunu ntlaħqu:

-l-attivitajiet ikunu fil-fatt twettqu (ma jkunx baqa' aktar attivitajiet xi jsiru biex l-operazzjoni titlesta);

-in-nefqa kollha mill-benefiċjarji tkun tħallset (ma jkunx baqa' pagamenti xi jsiru mill-benefiċjarju);

-il-kontribuzzjoni pubblika tkun tħallset lill-benefiċjarju (ma jkunx baqa' pagamenti xi jsiru lill-benefiċjarju)"

- i. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku;
- ii. Ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat, inkluż l-effett ta' inċentiv tal-ġhajjnuna;
- iii. Ir-regoli ambjentali, ir-regoli kontra d-diskriminazzjoni, inklużi dawk dwar l-aċċessibbiltà u l-prinċipji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- iv. Ir-regoli dwar l-informazzjoni u r-reklamar;
- v. Ir-rekwiżiti dwar id-disponibbiltà tad-dokumenti: l-obbligu li d-dokumenti jinżammu għal tliet snin wara l-ġheluq skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006;
- vi. Ir-regoli dwar proġetti li jiġġeneraw id-dħul (l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006);
- vii. Ir-regoli dwar id-durabbiltà tal-operazzjonijiet (l-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006);
- viii. L-atti legali nazzjonali jew dokumenti strateġiċi/tal-programmi (NSRF, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-programmi) li jistipulaw kundizzjonijiet speċifiċi għal assistenza tal-UE;
- ix. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006, li jirrikjedu l-kapaċità li fi kwalunkwe ħin jintwera li ma jkunx sar finanzjament doppju³.

Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-assistenza tal-UE rigward l-informazzjoni u l-pubbliċità għandhom jibdeu jiġu rispettati minn meta l-operazzjoni tintgħażel għall-assistenza mill-UE.

(d) Il-proċeduri għal ġestjoni u kontroll finanzjarju, inkluż il-bżonn ta' konformità ma':

- i. Ir-rekwiżiti ta' prova tal-awditi;
- ii. L-Artikolu 60(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 13-17 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 rigward il-verifiki mill-awtorità maniġerjali fir-rigward tan-nefqa ddikjarata, inkluż verifiki fuq il-post;
- iii. L-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 rigward l-awditi indipendenti.

Jeħtieġ li l-awtorità maniġerjali tiżgura li d-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet regolatorji rilevanti għall-kofinanzjament ta' operazzjonijiet retrospettivi jkunu ġew irrispettati u li l-benefiċjarji (u fejn hu rilevanti r-riċipjenti finali) isiru konxji mill-assistenza tal-UE hekk kif l-operazzjoni rilevanti tintgħażel għall-assistenza. Jekk l-awtorità maniġerjali ma tkunx skrutinizzata b'mod preċiż il-konformità tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, l-operazzjoni rilevanti ma għandhiex titqies għall-assistenza tal-UE. L-awtorità maniġerjali għandha tiżgura li jsiru verifiki xierqa tal-maniġment tal-operazzjonijiet ikkonċernati, b'kunsiderazzjoni tar-riskji speċifiċi marbutin magħhom. Għal dan il-għan l-awtorità maniġerjali tista' tiddeċiedi li, bħala Prattika tajba, tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fis-segwitu għall-operazzjonijiet

³ Skont l-Artikolu 13(2) il-verifiki mill-awtorità maniġerjali għandhom jinkludu proċeduri biex jiġi evitat il-finanzjament doppju tan-nefqa minn skemi Komunitarji jew nazzjonali oħra u waqt perjodi ta' programmar oħra. L-esperjenza preċedenti wriet li operazzjoni li tkun inbdiet taħt programm/skema nazzjonali f'ċerti każijiet tkun intgħażlet għal assistenza tal-UE, waqt li tinżamm bħala parti minn programm/skema nazzjonali oħra. L-awtoritajiet maniġerjali għalhekk għandhom jiżguraw li l-istess nefqa għall-istess operazzjoni ma tiġix ċertifikata u rimborżata darbtejn, darba minn skema nazzjonali/reġjonali u darba oħra skont programm tal-Fondi Strutturali/tal-Fondi ta' Koeżjoni.

retrospettivi, tippermetti l-identifikazzjoni faċli tagħhom u jinfurmaw lill-Awtorità tal-Awditjar b'mod ċar bl-eżistenza u l-volum.

Qabel ma tiċċertifika n-nefqa marbuta ma' dawn l-operazzjonijiet lill-Kummissjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha, skont l-Artikolu 61(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, tivverifika li n-nefqa ddikjarata tkun konformi mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali u tkun iġġarrbet b'rabta mal-operazzjonijiet magħżulin għall-finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm u li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tittratta kull operazzjoni li ma tikkonformax mar-regoli applikabbli bħala waħda irregolari u twettaq il-korrezzjonijiet finanzjarji kif xieraq.